*l-artikolu 181B(2) tal-Kap. 12 – il-Qorti ma ssibx li l-każ odjern kien ta' ċertu kumplessità li jiġġustifika dewmien ta' ħames snin u fuqhom fl-għoti tas-sentenza finali mill-Qorti tal-Appell Kriminali – l-intimat Avukat tal-Istat jonqos milli jispjega dawk il-miżuri li qed jippretendi li r-rikorrent kellu jaddotta fiċ-ċirkostanzi fejn huwa stess baqa' ma ħa l-ebda azzjoni fir-rigward tat-tul ta' żmien li kienet qiegħda tieħu l-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha – fejn l-intimat l-Avukat tal-Istat ma ressaq l-ebda ġustifikazzjoni għad-dewmien lamentat mir-rikorrent, il-Qorti tikkunsidra li tassew huwa għandu raġun jilmenta mid-dewmien fil-proċeduri in kwistjoni u għal dan tgħid li huwa għandu jirċievi kumpens xieraq u adegwat*

MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

# (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2023

Rikors Numru 171/2023 LM

**Ryan Briffa (K.I. nru. 169990(M))**
*('ir-rikorrent')*

***vs.***

**L-Avukat tal-Istat u L-Avukat Ġenerali**
*('l-intimati')*

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-rikors kostituzzjonali ppreżentat fit-3 ta' April, 2023, mir-rikorrent **Ryan Briffa (K.I. numru 169990(M))** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'] kontra

l-intimati **l-Avukat tal-Istat** u **l-Avukat Ġenerali** [minn issa ’l quddiem ‘l-intimati’] li jgħid kif ġej:

*“Jesponi bir-rispett:*

*Illi l-esponent kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-proċeduri fl-ismijiet* Il-Pulizija (Spett. Anthony Portelli u Spett. Edmont Cuschieri) vs Ryan Briffa *u f’dawn il-proċeduri l-esponent huwa akkużat b’reati ta’ serq, ksur ta’* probation *u li kkommetta reati waqt il-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiża. Dawn ir-reati jirrisalu għas-sena 2011.*

*Illi permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tas-27 ta’ Frar 2014 huwa ġie misjub ħati ta’ uħud mill-akkużi u ġie kkundannat għal piena ta’ priġunerija għal erba’ snin u sitt xhur.*

*Illi l-esponent kien appella minn din is-sentenza u permezz ta’ sentenza tal-10 ta’ Novembru 2022 il-Qorti tal-Appelli Kriminali illiberatu minn tnejn mill-akkużi li l-ewwel Qorti kienet sabitu ħati tagħhom però ikkonfermat il-piena inflitta mill-ewwel Qorti.*

*Illi, kif ser jirriżulta mill-atti, kien hemm delugar żejjed u inutli f’dawn il-proċeduri waqt li kienu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali. M’hemm l-ebda ġustifikazzjoni għalfejn l-appell kellu jdum tmien snin biex jiġi deċiż.*

*Illi huwa minnu illi l-esponent kien talab tliet differimenti peress illi kien medikament indispost però kien hemm perijodu twil fejn il-Qorti kellha bżonn iktar żmien għall-prolazzjoni tas-sentenza.*

*Illi in effetti meta l-appell kien immatura għas-sentenza kien hemm is-segwenti seduti:*

*26 ta’ Ġunju 2017 fejn il-Qorti ddikjarat illi kellha bżonn iktar żmien għall-prolazzjoni tas-sentenza u l-appell ġie differit għad-29 ta’ Jannar 2018.*

*29 ta’ Jannar 2018 fejn il-Qorti reġgħat iddifferiet għas-sentenza għad-29 ta’ Ottubru 2018.*

*29 ta’ Ottubru 2018 meta l-Qorti reġgħat iddifferiet għas-sentenza għall-25 ta’ Frar 2019.*

*25 ta’ Frar 2019 fejn l-appell ġie differit għall-31 ta’ Ottubru 2019.*

*31 ta’ Ottubru 2019 fejn l-appell ġie differit għas-26 ta’ Marzu 2020.*

*26 ta' Marzu 2020 fejn l-appell ġie differit minħabba l-miżuri tal-Covid 19 għat-30 ta' Lulju 2020.*

*30 ta' Lulju 2020 fejn il-Qorti differiet peress illi kellha bżonn iktar żmien għas-sentenza għall-25 ta' Frar 2021.*

*25 ta' Frar 2021 fejn il-qorti reġgħat iddifferiet għat-28 ta' Ottubru 2021.*

*28 ta' Ottubru 2021 meta l-Qorti reġgħat iddifferiet għat-28 ta' April, 2022.*

*31 ta' Ottubru 2022 fejn l-appellant ma deherx però sussegwentement ġie ppreżentat ċertifikat mediku u l-appell ġie differit għall-10 ta' Novembru 2022.*

*10 ta' Novembru 2022 fejn l-appell ġie deċiż.*

*Illi qed jiġu esebiti l-verbali relattivi (Dok A1 sa A22).*[1]

*Illi llum huwa ormai pależi li anke f'ċirkostanzi tali xorta waħda l-akkużat għandu d-dritt li jkollu s-smigħ tiegħu fi żmien raġonevoli u kif iċċitat iktar 'l isfel il-Qrati Kostituzzjonali tagħna affermaw dan il-prinċipju persistentement.*

*Illi l-esponent iħoss li dan id-dewmien qiegħed jilledilu d-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem liema provvedimenti jiggarantixxu smigħ fi żmien raġonevoli kif ser jiġi hawn taħt spjegat.*

*Illi fis-sentenzi fl-ismijiet* Il-Pulizija vs Silvio Zammit *(fn. 1 Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju 2018 (Rik. Nru. 71/16 AF) liema sentenza ingħatat wara talba għal referenza f'ċirkostanzi simili għaċ-ċirkostanzi simili għaċ-ċirkostanzi odjerni, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat dak deċiż mill-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti kienet qalet hekk:*

> "...qiegħda tiddikjara illi fil-konfront tal-istess Silvio Zammit kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, liema ksur ser jibqa' jissussisti sakemm il-prosekuzzjoni tagħmel dak kollu li għandha tagħmel sabiex jew tottjeni d-deposizzjoni ta' Inge Delfosse mill-aktar fis possibli jew tagħlaq l-istadju tal-provi tagħha fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs Silvio Zammit."

*Illi hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet* Sebastian Dalli vs L-Avukat tal-Istat et *(fn. 2 Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Marzu, 2022 (Rikors Numru 370/2021 TA) il-Qorti sabet ukoll ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u, filwaqt li*

[1] Kopja ta' liema verbali fil-fatt ma ġietx esebita mar-rikors promotur.

*llikwidat kumpens ta' €27,952 u annullat l-ordni ta' ffriżar kontra l-akkużat, kkummendat hekk:*

> "Il-Qorti, mingħajr esitazzjoni, issib li ġie ukoll miksur id-dritt għal smigħ xieraq minħabba dewmien altru milli irraġonevoli, liema dritt fundamentali huwa imħares mill-artikolu 39(2) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament."

*Illi ssir referenza għal sentenza oħra tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* Francis Portelli u Anthony Cassar vs Avukat Ġenerali *(fn. 3 Deċiża fis-6 ta' Ottubru, 2020 (Rikors numru 103/18JZM). Din ukoll kienet tittratta ilment minħabba illi l-proċeduri kriminali kienu tħallew pendenti biex ikun jista' jiddeponi xhud. Fis-sentenza tal-ewwel Qorti, ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, insibu hekk:*

> "Tilqa' r-raba' talba parzjalment billi tordna lill-Avukat Ġenerali sabiex sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2019 jingħalqu l-provi tal-prosekuzzjoni fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Francis Portelli u Anthony Cassar" fuq riferita, u jirrinvija l-atti għall-ġudizzju lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja."

*Illi għalhekk dan id-dewmien huwa irraġonevoli u qatt ġustifikabbli u jinċidi serjament fuq id-dritt tal-esponent għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u dan kif sanċit fl-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewopea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*i) Tiddikjara li l-fatt illi il-proċeduri kriminali kontra l-esponent hawn fuq imsemmija ittawwlu inutilment jilledi d-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

*ii) Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, inkluż illi tnaqqas il-piena inflitta u tillikwida kumpens dovut lill-esponent.*

*Bl-ispejjeż."*

2. Rat ir-risposta tal-intimati **l-Avukat tal-Istat** u **l-Avukat Ġenerali** ppreżentata fit-3 ta' Mejju, 2023, fejn wieġeb kif ġej:

*"Jesponu bir-rispett :*

*Illi permezz tal-kawża kostituzzjonali odjerna, ir-rikorrent qiegħed jallega illi fil-proċeduri tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali bin-numru 92/2014 fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur Anthony Portelli u Spettur Edmond Cuschieri) vs Ryan Briffa "*kien hemm dilungar żejjed u inutli f'dawn il-proċeduri waqt li kienu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali. M'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għalfejn l-appell kellu jdum tmien snin biex jiġi deċiż*". Ir-rikorrent jallega illi dan jiksirlu d-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem;*

*Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-ragunijiet segwenti:*

1. *Illi in linea preliminari, l-esponent Avukat Ġenerali m'hijiex il-leġittimu kuntradittur sabiex twieġeb għall-ilment kif impustat mir-rikorrenti fir-rikors promotur tiegħu u dan* ai termini *tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, il-fatturi li prinċiparjament għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' proċess eċċediex il-parametri ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli huwa essenzjalment il-kumplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorità ġudizzjarja;*

3. *Illi skont il-ġurisprudenza assodata kemm nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex Qorti tasal għal konklużjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, il-proċedura ġudizzjarja mertu tal-allegazzjonijeit trid tkun eżaminata fl-assejm tagħha u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda minn din il-proċedura;*

4. *Illi huwa aċċettat illi ma hemm l-ebda* 'time limit' *li l-Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġustizzja jiġu preġudikati rrimedjabilment. L-irraġonevolezza taż-żmien ma għandux jiġi determinat fl-astratt jew minn numru ta' snin li tkun damet għaddejja proċedura ġudizzjarja, imma dan għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun;*

5. *Illi sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju l-ilment odjern, jrid jiġi ppruvat illi mhux biss il-proċeduri damu pendenti, iżda li d-dewmien kien wieħed kapriċċuż u ntiż biex jiżvantaġġja lir-rikorrent fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skont il-liġi;*

6. *Illi mill-iter proċesswali tal-kawża fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur Anthony Portelli u Spettur Edmond Cuschieri) vs Ryan Briffa (Appell nru 92/2014), u meta wieħed jikkunsidra l-kwadru tal-fatti kollha fit-totalità tiegħu, wieħed għandu jasal għall-konklużjoni li ma kien hemm l-ebda dewmien irraġonevoli attribwibbli għall-prosekuzzjoni u lanqas għall-awtorità ġudizzjarja. Illi għalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrent li ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali hija infondata u insotenibbli;*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost,* dato ma non concesso *li kien hemm xi dewmien li jeċċedi l-parametri tas-smigħ fi żmien raġonevoli, jirriżulta mill-verbali tas-seduti li r-rikorrent qatt ma ipprotesta dwar l-allegat dewmien anzi kienet id-difiża stess li f'xi istanzi talbet differiment. In oltre, jirriżulta numru ta' xhur minn meta ġew deċiżi tali proċeduri u huwa issa li qiegħed jilmenta għall-ewwel darba li matul l-imsemmija proċeduri kriminali ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli;*

8. *Illi f'kull każ u bla ħsara għall-fatt li l-proċeduri odjerni ma humiex ta' culpa akwiljana jew kawża għad-danni,* dato ma non concesso *li kien hemm xi dewmien li jeċċedi l-parametri tas-smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, ir-rikorrent jrid iġib prova tajba ta' dak soffert konsegwenza diretta tal-allegat dewmien fil-proċeduri kriminali;*

9. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost,* dato ma non concesso *u biss għall-grazzja tal-argument li nkisru d-drittijiet ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli tar-rikorrenti kif allegat fir-rikors promotur, allegazzjoni li l-esponenti jopponu, ma hemm l-ebda lok għal rimedju jew kumpens pekunjarju u/jew non-pekunjarju ieħor u dan stante li:*

   a. *L-iskop tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jiġu stabbiliti* standards *u huwa s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-i*standards *li huwa r-rimedju ewlieni;*

   b. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-fatt li ma hemm lok għall-ebda rimedju jew kumpens kif mitlub mir-rikorrenti, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti kien assistit tul il-proċeduri kriminali minn avukat tal-għażla u ta' fiduċja tiegħu. Tenut kont li mill-verbali tas-seduti ma jirriżultax li r-rikorrent qatt ilmenta minn dewmien fil-proċeduri jew b'xi mod allega ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq matul dawk il-proċeduri, ir-rimedju mitlub f'dawn il-proċeduri ma huwiex ġustifikat. Illi ċertament li huwa d-dmir tad-difiża li tieħu sehem attiv fil-*

*proċeduri kriminali u fejn jidhrilha li hemm dewmien li hija tirritjeni li mhux ġustifikat tipprotesta quddiem dik il-Qorti ta' ġurisdizzjoni penali u titlob li tingħata provvedimenti opportuni. Illi ma għandux jiġi permess u premjat il-fatt li r-rikorrent qagħad passiv u ma ilmentax quddiem il-Qrati penali mbagħad wara li jinqatgħu l-proċduri penali jippretendi kumpens u addirittura tnaqqas fil-piena inflitta mill-Qorti tal-Appell Kriminali;*

c. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, hija l-umli fehma tal-esponenti li għalkemm din l-Onorabbli Qorti fil-vesti Kostituzzjonali tagħha tagħti kull rimedju li jidhrilha xieraq, inkluż jekk jidhrilha xieraq u opportun kumpens monetarju, l-ebda danni materjali ma jistgħu jiġu likwidati minn din is-sede f'kawżi dwar allegat nuqqas ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli;*

d. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, mill-atti jirriżulta li r-rappreżentanti legali tad-difiża innifisha kienu talbu differimenti ta' seduti;*

e. *Illi f'kull każ u dejjem bla ħsara għall-premess, ma hemm l-ebda lok għall-għoti ta' kumpens u tnaqqis fil-piena inflitta fil-każ odjern.*

10. *Illi jsegwi għalhekk li l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.*

11. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Settembru, 2023, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

3. Ir-rikors odjern jirrigwarda l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spett. Anthony Portelli u**

**Spett. Edmont Cuschieri) *vs.* Ryan Briffa**, fejn ir-rikorrent kien akkużat b'reat ta' serq, ksur ta' *probation,* u li kkometta reati waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża. Dik il-Qorti permezz tas-sentenza tagħha tas-27 ta' Frar, 2014, kienet sabet lir-rikorrent ħati ta' uħud mill-akkużi miġjuba kontrih, u ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija ta' erba' snin u sitt xhur. Ir-rikorrent kien appella minn dik is-sentenza, u l-Qorti tal-Appelli Kriminali bis-sentenza tagħha tal-10 ta' Novembru, 2022 illiberatu minn tnejn mill-akkużi li tagħhom kienet sabitu ħati l-ewwel Qorti, iżda kkonfermat il-piena mposta fuqu minn dik il-Qorti. Ir-rikorrent jikkontendi li kien hemm dewmien żejjed fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali li tawlu għal tmien snin sħaħ mingħajr ġustifikazzjoni. Jammetti li huwa stess kien talab għal tliet differimenti għaliex kien medikament indispost, iżda jgħid li xorta waħda kien hemm żmien twil fejn il-Qorti kellha bżonn iktar żmien għall-prolazzjoni tas-sentenza, u jelenka d-diversi seduti li saru wara li l-mertu kien ġie ttrattat. Ir-rikorrent jikkontendi li huwa pależi li anki f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari, li l-akkużat għandu dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u saħansitra l-Qrati Kostituzzjonali affermaw dan il-prinċipju bosta drabi. Fil-każ odjern huwa jgħid li d-dewmien kien qiegħed jikser id-drittijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'il-Kostituzzjoni'] u s-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [minn issa 'l quddiem 'il-Konvenzjoni']. Huwa hawnhekk jagħmel riferiment u anki jiċċita dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Silvio Zammit** deċiża fit-13 ta' Lulju, 2018, dak li qalet il-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Marzu, 2022, fl-ismijiet **Sebastian Dalli *vs.* l-Avukat tal-Istat**

**et**, u fl-aħħarnett dak li qalet l-imsemmija Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Francis Portelli u Anthony Cassar *vs.* Avukat Ġenerali** deċiża fis-6 ta' Ottubru, 2020. Isostni li d-dewmien in kwistjoni għalhekk huwa irraġonevoli u mhux ġustifikabbli, filwaqt li jledi serjament id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrent għalhekk qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li d-dewmien fil-proċeduri kriminali kontrih kien wieħed inutli u li jikser id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq protett kif appena ngħad, u sabiex (i) toħroġ dawk l-ordnijiet, atti u direttivi li tikkunsidra xierqa; (ii) twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tiegħu, anki billi tnaqqas il-piena nflitta fuqu u tillikwida kumpens dovut lilu; bl-ispejjeż.

4. Min-naħa tagħhom l-intimati l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali wieġbu kif ġej: (a) preliminarjament l-Avukat Ġenerali mhux leġittimu kuntradittur skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B tal-Kap. 12; (b) sabiex jiġi ddeterminat jekk is-smigħ ittawwalx lil hemm mill-parametri ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni l-fatturi prinċipali, li huma l-kumplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża, u l-aġir tal-awtorità ġudizzjarja; (ċ) skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [hawnhekk 'il-Qorti Ewropea'], għandha tittieħed in konsiderazzjoni l-proċedura sħiħa u mhux xi element jew parti waħda minnha; (d) il-Qorti mhijiex ristretta għal xi żmien partikolari fis-smigħ tal-proċeduri għaliex dan iwassal għal preġudizzju irrimedjabbli fir-rigward tal-interessi tal-ġustizzja u t-tul tal-proċeduri għandu jittieħed in konsiderazzjoni fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ; (e) għandu jintwera li d-dewmien kien wieħed

kappriċċjuż u magħmul sabiex ir-rikorrent jiġi żvantaġġjat fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu; (f) mill-iter proċesswali u meħudin in konsiderazzjoni l-fatti fit-totalità tagħhom, ma kien hemm l-ebda dewmien irraġonevoli li seta' jiġi attribwit lill-prosekuzzjoni jew lill-awtorità ġudizzjarja; (ġ) ir-rikorrent qatt ma lmenta dwar l-allegat dewmien u saħansitra huwa stess kien talab għal xi differimenti; (g) *dato ma non concesso* li kien hemm xi dewmien, u bla ħsara għall-fatt li l-proċeduri odjerni m'humiex ta' culpa akwiljana jew kawża għad-danni, ir-rikorrent għandu jressaq prova tajba ta' dak li huwa sofra bħala konsegwenza diretta tal-allegat dewmien fil-proċeduri kriminali kontrih; (għ) jekk għall-grazzja tal-argument jinstab li nkiser id-dritt għal smigħ xieraq, m'għandux ikun hemm rimedju jew jitħallas kumpens pekunjarju u/jew non-pekunjarju ieħor għaliex l-iskop tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa li jiġu stabbiliti *standards* u s-sejbien jikkostitwixxi r-rimedju ewlieni; (h) ir-rikorrent kien dejjem assistit minn avukat tal-għażla u tal-fiduċja tiegħu, u m'għandux jiġi ppremjat għall-passività tiegħu fejn saħansitra qed jippretendi kumpens u tnaqqas fil-piena nflitta fuqu; (ħ) ma jistgħux jiġu likwidati danni minn din il-Qorti fejn hemm allegat nuqqas ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli; (i) ir-rappreżentanti legali tad-difiża kienu huma stess talbu differimenti ta' seduti; (j) u m'hemm l-ebda lok għall-għoti ta' kumpens u tnaqqis fil-piena. Għalhekk l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Provi u riżultanzi**

5. Permezz ta' nota tad-19 ta' Lulju, 2023[2], ir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali ppreżentaw kopja diġitali tal-atti tal-proċeduri kriminali in kwistjoni, li ġiet immarkata Dok. A.[3]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Din il-Qorti qiegħda tintalab mir-rikorrent sabiex tiddikjara li ġie miksur id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli a *tenur* tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Dan minħabba l-allegat tul ta' żmien li ħadu l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex din waslet għas-sentenza tagħha fl-10 ta' Novembru, 2022.

7. Iżda qabel xejn il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-eċċezzjoni preliminari li qegħdin iressqu l-intimati, li permezz tagħha qegħdin jissollevaw il-kwistjoni li l-intimat Avukat Ġenerali mhuwiex leġittimu kuntradittur f'dawn il-proċeduri *ai termini* tal-artikolu 181B(2) tal-Kap. 12. Il-Qorti tikkunsidra li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu huma inekwivoċi u ma jħallux dubju li huwa l-intimat l-Avukat tal-Istat waħdu leġittimu kuntradittur f'dawn il-proċeduri. Għaldaqstant il-Qorti tilqa' din l-eċċezzjoni tal-intimati, u tiddikjara li l-intimat Avukat Ġenerali mhuwiex leġittimu kuntradittur u għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

8. Fil-mertu l-intimati jirrilevaw li hemm tliet fatturi li għandhom jiġu mistħarrġa meta l-Qorti tiġi ppreżentata b'ilment dwar dewmien irraġonevoli fi

---

[2] *A fol.* 19 tal-proċess.
[3] *A fol.* 24 *et seq.* tal-proċess.

proċeduri ġudizzjarji, liema tliet fatturi huma b'mod kostanti applikati mill-Qorti Ewropea iżda wkoll mill-Qrati tagħna fl-istħarriġ ta' ilment bħal dak li qed jitressaq permezz tal-azzjoni odjerna. Għalhekk tibda billi tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Raymond Farrugia et *vs.* L-Avukat Ġenerali et**[4], deċiża fis-27 ta' Mejju, 2016, fejn iċċitat l-insenjament tagħha kif imfisser fis-sentenza tagħha ta' ftit xhur qabel fl-ismijiet **Anton Camilleri *vs.* Avukat Generali** deċiża fl-1 ta' Frar, 2016, fejn kienet qalet hekk:

*"... dwar jekk jeżistix tassew ksur tal-jedd tar-rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, tenut kont, fost affarijiet oħra, ta' tliet binarji ormai ben assodati fil-ġurisprudenza patria u dik Ewropea, ossia il-komplessità tal-każ, l-aġir taż-żewġ partijiet u 'what was at stake for the applicant in a given case.' (fn. 2 ECHR, Gordeyev vs Russia (Application no. 40618/04), 05/02/2015)*

*"21. Jinsab ukoll assodat il-fatt li ma teżisti ebda lista komprensiva li tista' twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq abbażi ta' dewmien fil-proċeduri. Għalhekk, għalkemm il-Qorti għandha tikkunsidra l-fatturi fuq indikati għandu jitqies kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in kwistjoni.*

*"22. Jinsab ritenut illi:*

*"As regards the criteria for assessing whether the General Court has observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 181 and the case-law cited).*

*"…. The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long (see, in particular, Der*

[4] Rik.Kost.5/14MCH.

*Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 182 and the case-law cited)." (fn. 3 Grand Chamber, Kendrio NV vs European Commission, 26/11/2013, C-50/12P para 96-97))*

*"23. Dwar it-tifsira tal-kunċett ta' 'żmien raġonevoli', l-Qrati tagħna wkoll esprimew ruħhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu għandu element qawwi ta' diskrezzjonalità li jħalli f'idejn il-ġudikant jiddetermina jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, iż-żmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun ġiet ġudikata, kienx ta' tul tali li jeċċedi dak li hu jew għandu jkun normalment aċċettabbli f'soċjetà demokratika. (fn. 3 Q.Kos. Emanuela Brincat vs L-Avukat Ġenerali, 21/2/1996 [Vol. 80] Dan jfisser illi kull każ għandu jiġi eżaminat fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċjali tiegħu.' (fn. 4 Q. Kos. Zakkarija Calleja vs L-Avukat Ġenerali, 15/12/2015)*

9. Il-Qorti għalhekk tibda billi tittratta l-kwistjoni tal-kumplessità tal-każ. Imma wara li fliet bir-reqqa l-atti tal-Qorti tal-Appell Kriminali, il-Qorti tgħid li ma ssibx li l-każ odjern kien ta' ċertu kumplessità li jiġġustifika dewmien ta' ħames snin u fuqhom fl-għoti tas-sentenza finali. Tikkunsidra wkoll li l-intimat Avukat tal-Istat naqas li juri kif dan l-element jekk eżistenti, seta' ikkontribwixxa lejn it-tul ta' żmien li kellha bżonn il-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tiddeċiedi l-proċeduri quddiemha.

10. Il-Qorti għalhekk tgħaddi sabiex tikkunsidra t-tieni element li jirrigwarda l-aġir tal-partijiet, fejn l-intimat Avukat tal-Istat jikkontendi li r-rikorrent saħansitra qagħad passiv għat-tul taż-żmien lamentat minnu. Il-Qorti tagħraf li hawnhekk ukoll l-intimat Avukat tal-Istat jonqos milli jispjega dawk il-miżuri li qed jippretendi li r-rikorrent kellu jaddotta fiċ-ċirkostanzi fejn huwa stess baqa' ma ħa l-ebda azzjoni fir-rigward tat-tul ta' żmien li kienet qiegħda tieħu l-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha, u dan fejn wara kollox l-intimat Avukat tal-Istat kellu kull interess li jara li l-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent jiġu fi tmiemhom.

11. Għal dak li jirrigwarda it-tielet element li jolqot l-aġir tal-awtorità ġudizzjarja, il-Qorti tosserva li kif sewwa spjega r-rikorrent, il-Qorti tal-Appell Kriminali ddiferiet l-proċeduri in kwistjoni ta' mill-inqas tnax-il darba qabel ma ddeċidiet l-appell tiegħu, u dan issarraf f'terminu ta' iktar minn ħames snin. Wara li ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li differiment wieħed kien ingħata minħabba l-miżuri li kienu qegħdin jittieħdu mill-Qrati riżultat tal-pandemija tal-COVID-19 li nfirxet fl-ewwel xhur tas-sena 2019, u anki li seduta oħra ntilfet għaliex ir-rikorrent kien indispost, u dan fejn l-intimat l-Avukat tal-Istat ma ressaq l-ebda ġustifikazzjoni għad-dewmien lamentat mir-rikorrent, il-Qorti tikkunsidra li tassew huwa għandu raġun jilmenta mid-dewmien fil-proċeduri in kwistjoni u għal dan tgħid li huwa għandu jirċievi kumpens xieraq u adegwat.

12. Għalhekk tqis li huwa opportun f'dan l-istadju li tagħmel riferiment għas-sentenza tal-istess Qorti kif diversament ippreseduta tat-22 ta' Frar, 2013, fl-ismijiet **Emanuel Portelli et *vs.* Avukat Ġenerali et**, fejn irriżulta dewmien ta' seba' snin sabiex tingħata s-sentenza, u fejn ġie ddikjarat li għaldaqstant ir-rikorrenti kellhom jirċievu kumpens:

> *"[28] Tosserva wkoll li ma jirriżultax li kien hemm raġuni valida li setgħet tiġġustifika b'xi mod dan id-dewmien ta' seba' snin għall-għoti tas-sentenza, liema dewmien ma jistax jitqies bħala wieħed raġonevoli, anke kkunsidrat il-komplessità tal-punt legali involut, u għalhekk dan jikkostitwixxi leżjoni tad-dritt kontemplat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrenti li, <u>għalkemm ma jidhirx mill-atti li</u> <u>ppreżentaw rikors f'dan ir-rigward</u>, iżda żgur li <u>l-inċertezza li sofrew</u> <u>għal dan it-tul taż-żmien sabiex tiġi determinata l-vertenza kienet</u> <u>raġuni ta' ansjetà u frustrazzjoni</u> [sottolinear ta' din il-Qorti] da parti tagħhom, u ta' dan, għandhom jiġu kkumpensati."*

13. Kif qalet il-Qorti Ewropea fis-sentenza fl-ismijiet **H v. France**[5] deċiża fl-24 ta' Ottubru, 1989, id-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli fi proċeduri kriminali:

> *"underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Stögmüller v. Austria** mogħtija fl-10 ta' Novembru, 1969, il-Qorti Ewropea qalet li d-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli huwa:

> *"designed to avoid that a person charged should remain too long in a state of uncertainty about his fate".*

Barra minn hekk l-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick**[6] jgħidu li:

> *"The effect that being an accused has upon a person's reputation is relevant too".*

14. Fil-materja ta' kumpens, il-Qorti tikkunsidra wkoll dak li qalet il-Qorti Ewropea fis-sentenza fl-ismijiet **Richard Anderson *v.* United Kingdom** deċiż fid-9 ta' Frar, 2010[7]:

> *"As the Court has frequently stated, the State remains responsible for the efficiency of its system; the manner in which it provides for mechanisms to comply with the reasonable time requirement – whether by automatic time-limits and directions or some other method – is for it to decide. If a State allows proceedings to continue beyond the "reasonable time" prescribed by Article 6 of the Convention without doing anything to advance them, it will be responsible for the resultant delay (Bhandari v. the United Kingdom, no. 42341/04, § 22, 2 October 2007, together with further references therein)….*

[5] App. No. 10073/82.
[6] Law of the European Convention on Human Rights, Oxford University Press (2023), p. 445.
[7] App. No. 19859/04.

> *"39. …….. it accepts the unreasonable delay in the Court of Session proceedings must have caused the applicant some distress and frustration. As a result he has certainly suffered non-pecuniary damage which is not sufficiently made good by the finding of a violation of the Convention. Ruling on an equitable basis, it awards him EUR 1,500."*

15. Il-Qorti tikkunsidra li fil-każ odjern kumpens fl-ammont ta' €4,500 għandu jikkumpensa b'mod xieraq u adegwat lir-rikorrent għall-ansjetà u għall-inċertezza bla bżonn ikkawżat mid-dewmien in kwistjoni u li huwa kellu jsofri sakemm inqatgħu b'mod finali l-proċeduri kriminali kontrih, u dan filwaqt li tagħraf li sempliċiment dikjarazzjoni ta' ksur mhiex suffiċjenti fil-każ odjern. Kif ritenut diversi drabi minn dawn il-Qrati, minħabba n-natura tal-proċeduri odjerni, dan il-kumpens mhux intiż sabiex iservi sabiex jagħmel tajjeb għal xi danni materjali li seta' sofra r-rikorrent. Tqis ukoll li m'għandhiex tilqa' t-talba tar-rikorrent għal tnaqqis fil-piena li ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, għar-raġuni li hija mhijiex il-Qorti kompetenti sabiex tittratta kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza ta' dik il-Qorti u tagħmel ordni bħal din.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi (a) tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati billi tiddikjara li l-intimat Avukat Ġenerali mhux leġittimu kuntradittur, u għaldaqstant teħilsu mill-osservanza tal-ġudizzju; (b) tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat; (ċ) tilqa' it-talbiet tar-rikorrent limitatament kif imfisser iktar 'il fuq f'din is-sentenza, filwaqt li tiddikjara li r-rikorrent sofra ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, tillikwida kumpens ta' erbgħat elf u ħames mitt**

**Euro (€4,500.00) li għandu jitħallas lilu mill-intimat Avukat tal-Istat, bl-imgħax dekorribbli millum.**

**Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat l-Avukat tal-Istat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**